MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ALBERT J. MAGRI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 227/1999/1

**Anthony Zammit**
**vs**
**Amadeo Balzan**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-2 ta' Frar, 1999 li permezz taghha l-attur ippremetta li huwa jiggestixxi negozju minn gewwa l-fond numru 46, Ix-Xatt, Sliema bl-isem ta' "Kollections", u li fost affarijiet ohra joffri servizz ta' kiri ta' vetturi u muturi u bejgh ta' trours f'Malta u fl-esteru; illi l-konvenut jiggestixxi negozju minn gewwa l-fond adjacenti ghal dak ta' l-attur u cioe' min-numru 45, Ix-Xatt, Sliema bl-isem ta' "Central Holidays" u joffri l-istess servizzi bhal l-attur; illi b'sehh mill-31 ta' Dicembru 1998 l-konvenut beda jxerred notizzji bl-intiza li jaghmel hsara lill-kummerc ta' l-attur, dan billi espona barra l-bieb tan-negozju tieghu tabelli b'kitba bhal "we have no connection with the bucket shop next door (46, The Strand, Sliema)" (Dok A u D) u billi javvicina lill-klijenti prospettivi ta' l-attur (dok. E); illi l-

konvenut gie interpellat sabiex jiddezisti minn dan l-agir illegali tieghu izda huwa baqa' inadempjenti; illi l-attur talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (numru 160/99) sabiex il-konvenut jigi mizmum milli jkompli jesponi tabelli simili; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li ghal skop ta' konkorrenza, il-konvenut xerred notizzji li jaghmlu hsara lill-kummerc ta' l-attur;
2. tordna lill-konvenut sabiex:
(i) Fi zmien qasir u perentorju li tistabilixxi din il-Qorti jeqred u jnehhi kull tabella li taghmel riferenza diretta jew indiretta ghan-negozju ta' l-attur;
(ii) ma javvicinax lill-klijenti prospettivi ta' l-attur u jxerred notizzji li jistghu jaghmlu hsara lill-kummerc ta' l-attur.
3. Fin-nuqqas taordna l-hrug ta' mandat in factum fil-konfront tal-konvenut, liema mandat ghandu jibqa' fis-sehh sakemm il-konvenut jottempera ruhu ma' l-ordni tal-qorti.
4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti bhala penali ghal kull gurnata li jibqa' inadempjenti;
5. tordna kull rimedju iehor illi jista', skond ic-cirkostanzi, jnehhi l-att li bih saret u qeghda issir il-konkorrenza llegali sofferta mill-attur;
6. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti bhala hlas ta' penali ghat-tenur ta' l-Artikolu 37 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap 13).

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja u tal-mandat ta' inibizzjoni numru 160/99 kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

B'nota ppresentata fit-13 ta' Awissu 1999 l-konvenut eccepixxa:-

1. Illi in linea preliminari l-gudizzju mhux integru stante li bhala ragel mizzewweg il-konvenut ma tharrkitx il-mara tieghu skond il-ligi.
2. Illi in meritu u minghajr pregudizzju ghal-premess it-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma ibbazati fuq allegazzjonijiet gratuwiti u li anzi kien proprio l-attur u l-familjari tieghu illi xerrdu notizzji foloz bl-intiza li jaghmlu hsara lill-kummerc ta' l-

konvenut u dan meta n-negozju minnhom gestit kien ta' souvenier shop u biss meta fetah l-konvenut bhala travel and tourism agency illi dawn bdew joffru servizzi relatati ma tieghu.

3. Illi fir-rigward tal-mandat ta' inibizzjoni msemmi t-talba attrici hija irrita u ghalhekk nulla u bla effett stante illi: primarjament ma giex premess illi l-konvenut ma obdiex l-ordni legittima tal-Qorti kif ordnat ai termini tal-mandat 160/99 u f'dan is-sens ma tistax issir talba minghajr ma jkun gie premess in-nuqqas in kwistjoni;
in kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju jekk in effetti kien il-kaz li dan il-mandat ma giex osservat l-azzjoni kompetenti spettanti lill-attur kienet tkun dik ta' disprezz lejn l-ordni tal-Qorti u mhux dik odjerna.
in effetti l-konvenut ottempera ruhu ma kull ordni tal-Qorti u certament nkluz dik moghtija fil-mandat gja fuq kwotat.

4. Illi ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kollha kontra l-istess atturi.

Illi b'digriet tat-13 ta' Ottubru, 1999 il-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti biex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti. Ma haditx konjizzjoni tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut inkwantu tardiva.

Ittrattat il-kawza.

**Ikkunsidrat:-**

L-azzjoni odjerna hija msejjsa fuq l-Artikolu 34 tal-Kodici tal-Kummerc li jipprovdi li *"Il-kummercjanti ma jistghux, ghall-skop ta' konkorrenza, ixerrdu notizzji li jistghu jaghmlu hsara lill-industrja jew kummerc ta' kummercjanti ohra."* in kwantu qed jigi allegat li ghal skop ta' konkorrenza l-konvenut xerred notizzji li jaghmlu hsara l-kummerc ta' l-attur.

Mill-provi prodotti jidher li l-ilment ta' l-attur huwa indirizzat principalment lejn tlett cirkostanzi, u cioe`:-

a) l-fatt li l-konvenut pogga tabelli fuq il-bankina ta' quddiem l-hanut tieghu li jikkontjenu kliem dispreggjativ fil-konfront ta' l-intrapriza tal-istess attur;
b) il-fatt li wara li l-konvenut kien wasal f'arrangjament ma' l-attur biex jikri muturi ta' l-istess attur, il-konvenut kiser il-ftehim milhuq dwar il-prezz u kondizzjonijiet ta' kiri b'mod li tellef in-negozju tal-attur; u
c) l-allegat agir abbuziv u defamatorju tal-konvenut fil-presenza tal-klienti ta' l-attur li wassal biex gerrex lill-istess klienti.

L-attur ghalhekk qed jitlob li jitnehhew it-tabelli defamtorji, u li l-konvenut jigi mizmum milli javvicina l-klienti tieghu, u li tigi likwidata penali a tenur tal-Artikolu 37 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

**Dwar it-tabelli.**

Jirrizulta li ghal-habta ta' l-ahhar tas-sena 1998 il-konvenut kien pogga tabelli li fihom kien iddeskriva l-hanut "46, The Strand, Sliema" tal-attur bhala "The Bucket shop" u fost affarijiet ohra stieden lill-klienti prospettivi biex "For security and peace of mind book your tours, car hire and other services from a licensed travel agent". Dan l-agir tal-konvenut holoq reazzjoni fl-attur u dan, fit-13 ta' Jannar, 1999, talab il-hrug ta' mandat ta' Inibizzjoni sabiex l-konvenut jinzamm milli jkompli jesponi t-tabelli "*b'notizzji li qeghdin jaghmlu hsara lin-negozju li jezercita l-esponent minn gewwa l-fond "Kollections", numru 46, Triq ix-Xatt, Sliema".* Din it-talba giet milqugha b'digriet tat-22 ta' Jannar 1999 meta l-Qorti osservat "*illi l-hrug tal-mandat jidher prima facie mehtieg ghall-harsien tad-drittijiet tar-rikorrent,*" u ordnat lill-intimat "*milli jesponi tabelli li jaghmlu referenza diretta jew indiretta ghall-hanut tar-rikorrent.*"

Jidher li wara din l-ordni tal-Qorti, u forsi anke qabel ma gew ppresentati dawn il-proceduri, izda certament qabel ma gew notifikati lill-konvenut fid-29 ta' Lulju, 1999, il-konvenut ottempera ruhhu mal-ordni tal-Qorti billi,

ghalkemm baqa’ jesponi tabelli fejn kien qed jinghad li kien qed jiddisassocja ruhu ma’ negozji ohrajn li mhux tal-istess kwalita`, tnehhiet kull referenza ghall-fond ta’ l-attur. Id-dicitura fit-tabelli odjerni, ghalkemm tista` tkun ingurjuza ghall-attur inkwantu huwa, minhabba dak li gara qabel, jaf li l-kliem f’dawn it-tabelli huma indirizzati lejh, certament ma jistax jinghad li turist jew klient iehor prospettiv, jista’ jassocja dak li qed jinghad f’dawn it-tabelli man-negozju ta’ l-attur. Din it-talba ghalhekk ma tidhirx gustifikata biss ser jkun hemm temperament fil-kap ta’ l-ispejjes in kwantu dawn il-proceduri kienu necessitati minhabba agir abbuziv originali tal-konvenut.

**Dwar il-kiri tal-muturi.**

L-attur qed jilmenta li gralu hsara fin-negozju tieghu ta’ kiri ta’ muturi meta l-konvenut, kontra l-ftehim li kien intlahaq bejn il-kontendenti, abbuza mill-posizzjoni tieghu ta’ “*agent*” tal-attur billi naqqas il-prezz tal-kiri filwaqt li beda jinkassa minghand il-klienti ammonti addizzjonali li ma kienux miftehema, bhal ma huma “delivery and recovery charge” u hlas addizzjonali biex jonqos l-“excess” fuq il-polza ta’ assikurazzjoni.

Bl-agir tal-konvenut fir-rigward ta’ dan in-nqgozju din il-Qorti ma tara ebda ksur tal-provvediment ta’ l-artikolu 34 tal-Kap 13. L-attur, jekk ma kienx kuntent bl-agir tal-konvenut, kellu d-dritt kollu, kif fil-fatt ghamel zmien hafna qabel il-prezentata ta’ din ic-citazzjoni, li jittermina l-arrangjament ta’ negozju ta’ kiri ta’ muturi li kien hemm bejniethom. Dan l-ilment ghalhekk mhux gustifikat.

**Dwar l-agir abbuziv u defamatorju tal-konvenut.**

L-attur qed jilmenta li, f’xi okkazzjonijiet, il-konvenut kien jidhol fil-hanut tieghu u hemm, quddiem l-klienti, kien juza diskors defamatorju li jaghmel hsara lin-negozju tieghu. Tant hu hekk, jghid l-attur, li meta gara hekk il-klienti telqu mill-hanut tieghu u marru jinqdew ghand il-konvenut.

Jidher li ma hemmx qbil dwar dan il-fatt. Anzi din il-Qorti tosserva li mhux talli l-konvenut cahad din l-allegazzjoni

b'mod kategoriku talli l-impjegati ta' l-istess konvenut xhedu li kien Evan Zammit, cioe' iben l-attur, li kien juza diskors mhux xieraq fil-konfront tal-konvenut u anke jipprova jfixkel lill-impjegati tal-istess konvenut waqt in-negozju li jkun qed jigi diskuss. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti fir-rigward u ma tistax taghti aktar affidament lill-verzjoni attrici a skapitu ta' dak li qed jinghad mill-konvenut u l-impjegati tieghu. Dan l-ilment ghalhekk ukoll mhux gustifikat.

Minn dan isegwi li t-talbiet dwar likwidazzjoni ta' penali ma ghandhomx jigu akkolti.

Illi fl-ahharnett din il-Qorti tosserva li, apparti l-aspett legali tal-kwistjoni li jista' jinnecessita` certi provi li mhux dejjem huma facilment producibbli, jidher li l-vicinanza ta' zewg negozji tal-istess generu qed jaghti lok ghall-kwestjonijiet kbar minhabba interessi konfliggenti ta' kummerc. Incidenti simili jistghu jaghtu lok ghall-konsegwenzi serji jekk ma jigux ikkontrollati u ghalhekk, ghalkemm jkun utili u fl-interess ta' kullhadd li z-zewg negozji tal-istess generu jigu gestiti minn ambjenti distnazjati minn xulxin, haga li llum mhux possibbli, tissugerixxi li kontendenti jigibu ruhhom b'mod tali li kemm jista' jkun jigu evitati incidenti sew fl-interess taghhom, kemm dak tal-impjegati u partikolarment fl-interess tan-negozju nnifsu.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti qed tichad it-talbiet attrici biss tordna li l-ispejjes tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti u dana stante l-fatt li kien l-konvenut li wassal ghal din il-vertenza bit-tabelli li kien pogga originarjament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------